MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 263/2003

**M & E (Marketing and Entertainment) Company Limited**

**Vs**

**Joe Gerada, Richard Galea, Catherine Galea, Carmel Gatt, Brother Joseph Vella, Vince Tonna, Father Krispin Tabone u Antoine Gouder bhala membri tal-Bord tal-Gvernaturi in rapprezentanza tal-Fondazzjoni Suret il-Bniedem**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jhallsu s-somma t'erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) rapprezentanti drittijiet dovuti lill-istess socjeta' attrici ghax-xoghol t'organizzazzjoni, sorveljanza u koordinazzjoni ezegwit fuq inkarigu tal-Fondazzjoni konvenuta fl-ewwel tlett ijiem t'Awissu 2002 in konnessjoni mal-kuncert ossija festival imtellgha f'Pembroke mill-Fondazzjoni konvenuta.

Ra r-Risposta pprezentata mill-Fondazzjoni konvenuta fejn qalet li ma ddelegatx ix-xoghlijiet in kwistjoni lis-socjeta' attrici, u in kwalsijasi kaz, is-socjeta' attrici trid ticcara minn x'hiex jirrizultaw dawn id-drittijiet li allegatament huma dovuti lilha, jekk dan sarx bil-miktub jew bil-kelma, f'hiex kienu jikkonsistu dawn ix-xoghlijiet, meta gew delegati u minn min gew delegati.

Illi effettivament kien sar ftehim bejn il-Fondazzjoni konvenuta u s-socjeta' attrici li jirrizulta minn erba' dokumenti, tlieta tal-24 t'April, 2002 u iehor tat-8 ta' Mejju, 2002 fejn bhala agenzija lokali ghall-artisti barranin, l-istess socjeta' attrici obbligat ruhha li ggib xi artisti maghrufa barranin sabiex jaghtu *performance* u kuncerti illi l-Fondazzjoni konvenuta kienet qieghdha torganizza b'ghanjiet filantropici.  L-Fondazzjoni konvenuta hallset l-ammonti stipulati fl-imsemmija kuntratti w allegat li anke hallset ammonti ohra ghal diversi xoghlijiet ohrajn li kellhom jigu ezegwiti fuq promessi tas-socjeta' attrici, liema promessi qatt ma gew onorati b'rizultat illi l-Fondazzjoni konvenuta soffriet telf kbir.

Illi minghajr pregudizzju l-Fondazzjoni konvenuta eccepiet ukoll illi fir-rigward tax-xoghol t'organizzazzjoni, sorveljanza u koordinazzjoni, hija dejjem fehmet illi dawn kienu jaqghu fil-parametri ta' l-imsemmija *agreement*.

Ra x-xhieda ta' John Grima u sema' x-xhieda moghtija minn Massimo Ellul, Terry Gosden, Brother Joseph Vella u Joseph Borg.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghdha titlob is-somma t'erba' mitt lira Maltin (Lm400) plus VAT ghax-xoghol t'organizzazzjoni, sorveljanza u koordinazzjoni li tallega li ghamlet fuq inkarigu tal-Fondazzjoni konvenuta waqt kuncert li sehh fl-ewwel tlett ijiem t'Awissu 2002.

Illi fix-xhieda ta’ John Grima huwa qal illi dak li qed jigi mitlub kien b’rizultat ta’ ftehim verbali u qal hekk:

“Ghall-hlas li qieghdin nitolbu f’dawn il-proceduri il-ftehim kien wiehed verbali li kien sar ma’ Massimo Ellul li huwa c-Chief Executive Officer tal-kumpanija. Min-naha tal-Fondazzjoni f’din il-laqgha kien hemm Brother Joseph Vella.

Originarjament l-ammont kien ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) peress li l-organizzazzjoni hija *non-governmental organisation*, ahna konnha ddecidejna li ntuhom skont.”

Massimo Ellul imbaghad qal:

“Fil-fatt fuq dan ix-xoghol addizzjonali ahna ftiehmna prezz t’erba’ mitt lira Maltin (Lm400) plus VAT. Irid nispjega li normalment, kieku kienet azjenda kummercjali konnha niccargjahom tlett darbiet din is-somma.

F’dan il-meeting li ftiehmna l-prezz kien hemm diversi persuni min-naha tal-kumpanija tieghi, anke min-naha taghhom kien hemm diversi persuni. Fil-fatt kien hemm jiena u John Grima. U kien hemm anke Ronnie Agius.”

Min-naha tal-konvenuti, huma jichdu enfatikament li kien hemm ftehim u anzi Terry Gosden xehed illi fid-diskors li kien ikollu mas-socjeta’ attrici kien fis-sens illi jekk ma jkunx hemm ftehim miktub f’kuntratt ma kienx ser ikun hemm hlas addizzjonali. Mix-xhieda prodotti mill-konvenuti huma jsostnu wkoll illi mhux tali ma kienx hemm ftehim kif qed jigi allegat mis-socjeta’ attrici, tali fil-fatt huma dejjem hasbu illi jekk is-socjeta’ attrici kienet qieghdha taghmel xi xoghol waqt il-kuncert, dan kien jaqa’ taht l-erba’ *contracts for services* li gew iffirmati.

Mill-provi jirrizulta li fil-fatt gew iffirmati erba’ *contracts for services* li gew redatti mis-socjeta’ attrici u f’dawn il-kuntratti hemm specifikat min ser ikun l-artist u kemm il-Fondazzjoni konvenuta kienet ser thallas lis-socjeta’ attrici tali hija tipprovdi s-servizzi ta’ tali artist.

Il-Fondazzjoni konvenuta bl-ebda mod ma kienet involuta fin-negozjati bejn is-socjeta’ attrici u l-artisti koncernati.

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-ammonti stipulati fil-kuntratti thallsu.

Il-kwistjoni f’din il-kawza hija jekk is-socjeta’ attrici provditx xi servizzi oltre dak li huwa normalment mistenni, jekk kienx hemm ftehim milhuq bejn il-partijiet ghat-tali servizz u f’kaz li ma kienx hemm ftehim, jekk is-socjeta’ attrici haqqiex xi kumpens ghas-servizzi rezi.

It-Tribunal jidhirlu illi ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li kien hemm xi ftehim appozitu milhuq bejn il-kontendenti. T-Tribunal ghandu dubju serji kemm verament kien hemm ftehim milhuq bejn il-partijiet fuq l-allegata somma t’erba’ mitt lira Maltin (Lm400). Ta’ min jirrileva illi fir-rigward ta’ dan il-ftehim ix-xhieda ta’ Grima w Ellul ma kienetx tikkombacja perfettament. Filwaqt li skond ix-xhieda ta’ Grima kien hemm skont ta’ mitt lira Maltin (Lm100), skond Ellul l-iskont kien t’elf u mitt lira Maltin (Lm1,100).

Ma jistax jigi njorat il-fatt ukoll illi bejn il-partijiet gew iffirmati erba’ kuntratti u dawn l-erba’ kuntratti gew redatti mis-socjeta’ attrici u gew accettati mill-Fondazzjoni konvenuta minghajr mittiefes. Ta’ min jinnota illi ghalkemm is-socjeta’ attrici qieghdha titlob kumpens ghall-assistenza fis-*sound levels*, fil-kuntratt hemm specifikat:

“All artists shall wear stage dress. The adjustments of the sound level and/or entertainment output shall be as the management reasonably requires.”

Dan ifisser illi *sound levels u entertainment output* ma kienx taht il-manzjoni tal-management, izda l-management (socjeta’ konvenuta) tikkmanda u *the agency* (is-socjeta’ attrici) taghmel il-mezzi taghha biex dan jigi sodisfatt tramite l-artisti provduti.

Certament is-socjeta’ attrici kellha nteress li l-artisti li hija gabet Malta ikunu sodisfatti u moqdija ghax altrimenti kien ikun hemm impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni taghha t’agenzija f’dan it-tip ta’ xoghol.

Mill-banda l-ohra pero’ t-Tribunal ma jistax jinjora x-xhieda ta’ Brother Joseph Vella fejn mistoqsi direttament mit-Tribunal wiegeb illi x-xoghlijiet indikati fl-invoice a fol 16 tal-process bhala fatt saru.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu illi mill-atti processwali ma jirrizultax pruvat li kien hemm ftehim konkordat u milhuq bejn il-partijiet fuq is-somma mitluba bejn il-partijiet. It-Tribunal jidhirlu wkoll illi kien mistenni mis-socjeta’ attrici li tippresta xi ftit jew wisq is-servizzi taghha biex tghin is-success tal-kuncert in kwistjoni u jhoss ukoll illi min-naha ta’ l-intimati, dawn ma kienux esperti fl-organizzazzjoni tal-kuncert in materja tant. Minkejja li gabu artisti minn barra li skond l-erba’ kuntratti esebiti, swewlhom mal-hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000), mill-provi jirrizulta illi fit-tlett granet tal-kuncerti, fl-ewwel gurnata ma kellhom kwazi hadd, fit-tieni gurnata ma jirrizultax pruvat kemm kellhom nies, pero’ mat-tielet gurnata kellhom biss madwar hames mitt persuna.

Ghalhekk mill-aspettattivi tal-konvenuti bhala avveniment ghall-gbir tal-fondi, dan kien flop rizultanti probabbilment minhabba nuqqas ta’ marketing xieraq da parti tal-konvenuti.

Dan in-nuqqas ta’ *expertise* certament involva lis-socjeta’ attrici illi tmidd idejha aktar milli normalment kien ikun mistenni u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi jirrizulta pruvat illi s-socjeta’ attrici pprestat servizzi oltre n-normal u ta’ dan ix-xoghol addizzjonali ghandha tigi debitament kumpensata izda jidhirlu wkoll illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-fatt, il-fatt li ma kienx hemm hafna pubbliku u ghalhekk certament ma setax kien hemm wisq problemi t’organizzazzjoni u xoghol u li kollox ma kollox, il-Fondazzjoni konvenuta tilfet ammont sostanzjali ta’ flus f’dawn il-kuncerti, l-kumpens li ghandu jithallas lis-socjeta’

attrici fuq bazi t'ekwita m'ghandux jeccedi l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100). Fic-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------